# Lilek Ħabbejt

Rowena Calleja

Kelli dawk il-ħmistax-il sena u kienet l-hena tiegħi nissakkar fil-kenn ta' kamarti, 'il bogħod minn kulħadd, nilgħab bil-famuża *Amiga 500*. Kienet is-sena 1990. Kont inqatta' sigħat twal nilgħab logħob b'*joystick* ikbar minn wiċċi. "Silkworm," "Prince of Persia" u "Chuck Rock". Ejja ngħidu kont inħossni aktar sekura mistoħbija wara l-iskrivanija mitlufa f'dinja surreali fejn ma jeżisti xejn ħlief li tirbaħ, ma tintradamx b'xi ħasla *bullets*, taqa' sulari għall-isfel jew tiċċappas fl-art. U jekk mitt mhi problema ta' xejn, għax erġa' ibda mill-bidu tal-livell u jkollok iċ-ċans terġa' tipprova bi strateġija differenti.

Il-passatempi l-oħra tiegħi kienu li naqra, naqra, naqra u naqra. Il-kotba minn ċkuniti kienu jiġbduni daqslikieku jien naħla bieżla għatxana f'xatt miksi żgħażagħ u tfal jilagħqu l-ġelati u jlegiglu l-luminati. Biljuni ta' lwien, mitt elf daqsien, mijijet ta' kliem, sentenzi qosra jew twal. U ma nibdel ma' xejn dak il-mument intimu hekk kif ixxammem ir-riħa manjifika misterjuża li kull ktieb għandu għalih. Iżda l-ikbar raġuni li tfawwarli qalbi għal kotba huwa l-vantaġġ li tiltaqa' ma' bosta karattri ġodda mingħajr ma trid tagħmel sforz biex tissoċjalizza u tintefa' tesplorahom mil-lussu ta' kamartek. O solitudni nħobbok wisq.

Ġurnata fost l-oħrajn kienet ġiet ommi u insistiet li riedet tkaxkarni magħha biex noħroġ mid-dar u nattendu l-avveniment tal-avvent li kien ħa jsir fil-knisja parrokkjali. U jien il-qatla tiegħi tifridni mill-konfini ta' kamarti.

"Ma, ħi, ma tafx li nobgħodhom dal-affarijet? Jien nippreferi noqgħod id-dar waħdi."

"Karen, ma tistax tibqa' sejra hekk, imsakkra ġewwa. Tfajliet tal-età tiegħek ikollhom ġenn biex joħorġu għal naqra arja."

"Skużi ta, jien qatt ħabbilt wisq rasi minn x'jagħmlu t-tfajliet l-oħra?"

"Illejla trid tiġi. Ġid jagħmillek titħallat naqra man-nies."

"Ma għandix *buzz*. Nippreferi d-dar."

"Imma dak sakemm tneħħi l-mistħija li għandek. Stramba wisq int."

"Jaħasra, imma jekk idejquni n-nies xi tridni nagħmel għid?"

"Jekk ħa tibqa' tirrispondi, naqlagħlek dil-*Amiga* u għandek ġimgħa sħiħa ma tilgħabx."

Hekk le, mela mhux hekk nibqgħu! Mela jien ħa noqgħod mingħajr l-*Amiga* jew, għadni nġib kaxxa *floppies* xi nżanżan. Ikolli ndeffes, skużi l-espressjoni, subgħajja fit-tirma u noħroġ ma' ommi hux mela!

"Orrajt, mela niġi hux la int daqsekk fitta, ma, ħi."

"Tajjeb mela llejla kun lesta fit-tmienja."

Biex tgħaxxaq kollox kienet xitwa kiefra u l-kesħa kienet twaħħax l-intern ġewwieni. Hekk kif bdew joqorbu s-sitta bdejt nipprepara għall-mewt, il-mument li mmiss mal-ilma tad-doxxa. Wara ħriġt bix-xuguman u mort niġri f'kamarti u ftaħt beraħ il-bibien tal-gwardarobba. Issa għidli jien hux ħa nkun komda, jaħasra Mulej Santa, f'libsa f'dan l-istaġun tant krudili. Fix-xitwa nisħet xortija li twelidt taħt l-istilla tas-sess femminili, għax xi ħadd għaref ħafna ivvinta r-regola li biex tkun eleganti trid tixħet libsa bla ebda rdoss, l-oppost tal-piġama kennija tal-flanella li kelli mgeżwra sħuna ma' ġismi ftit ilu. Wara xi kwarta nara b'liem libsa nidher l-anqas imżaqqa, irnexxieli nagħżel waħda ħamranija u xħittha fuqi. Issa naslu għal dawk il-misħutin tajz li qisek għandek mitt qamla jduru ma' saqajk u jekk jogħġbok ara taħseb li saqajk ikunu sħan. Insieha!

"Kar, int lesta?" għajtejt ommi minn wara l-bieb.

"Iva, kemm nagħmel daqxejn *make-up*."

Ara vera kollox kontra f'din id-dinja ta, sew jgħidu l-kbar. Mela sħabi tal-iskola jgorru għax dejjem barra u l-ġenituri tagħhom jissieltu magħhom biex inaqqsu u jien għax dejjem hawn ġew ommi tridni noħroġ aktar mid-dar. F'kemm ili ngħidlek inżbagħt, għamilt xagħri u flimkien ma' ommi qbadna mexjin bil-pass għaliex il-knisja kienet tefgħa ta' ġebla bogħod.

Aħna u deħlin nisma' għall-ewwel darba f'ħajti leħen maestuż, sod u melodjuż f'armonija ta' mużika ta' ħsejjes tant mill-isbaħ li jpaxxu l-widnejn. Kif niftaħ il-bieb insib xena li baqgħet mistura f'moħħi għal għomri. Fost it-tiżjin ħamrani u dehbi tal-Milied, nilmaħ orkestra sħiħa ta' kull għamla ta' strumenti li qatt ma kont rajt akkumpanjati b'raġel il-ġmiel tiegħu ikanta magħhom. Ir-Requiem D Minor li kien qed jindaqq kien ta' Wolfgang Amadeus Mozart u assimilajtha f'moħħi ma' ġenna kif tkun kieku kienet fuq din l-art.

It-tenur kien raġel samrani, twil u mġissem warrab minn nofs. Xagħru kien sa ħaddejh, imġiegħed f'nokkli nebbiexa ta' lewnet it-tin. Għajnejh kienu kbar u suwed, b'par xufftejn imdaqqsa roża bħal warda mfawra bi sbuħitha wara l-ewwel ħalba xita. Il-libsa li kellu kienet ta' lewn abjad li enfasizzat il-ħarsa penetranti sewdiena kif ukoll amplifikat is-smurija tiegħu. Il-qalziet kien daqsxejn inkaxxat miegħu li tista' tgħid spjega sal-anqas dettall li ma ħallilix wisq lok għal spazju ta' immaġinazzjoni ta' x'hemm mistur taħtha. Dan kien l-ewwel mument f'ħajti li ġarrabt il-ħarsa fallika ta' tfajla li kont u nista' ngħid li ħassejtni maqbuda taħt maġija li meta wieħed iduqha ma jistax jinħall minnha kif ġieb u laħaq. Kien f'dan il-lejl li nibtet l-ewwel imħabba tiegħi għal dan il-ġmiel maestuż? Ġmiel li qanqal fija emozzjonijiet li qatt ma kont ħassejt qabel. Estasi ta' ferħ minsuġ b'paċi intern erotiku, fejn l-immaġinazzjoni ħadet żvolta u ntfajt noħloq gzuz ta' stejjer f'salt. U hawnhekk nibtet fija ż-żerriegħa tal-bżonn tal-kelma, li nomgħodha u nirriġettaha biex nillibera ruħi minn dan it-tqanqil feroċi. Hekk kif wasalt id-dar tlajt xkanata f'kamarti, ħtaft l-ewwel pinna li ġiet taħt idi u ntfajt inħarbex f'pitazz li kien ħa jkollu l-irwol ta' djarju personali.

Minn dakinhar 'l hawn, ommi rat bidla fija li ħadet pjaċir biha għaliex filgħaxija kont bdejt infittex li noħroġ mill-kamra u nissoċjalizza. Mingħaliha. Li ma kinitx taf hu li jien kont nobgħod noħroġ ma' grupp ta' ħbieb għax kien ikolli mmur fejn jagħżlu l-maġġoranza u konna nintefgħu f'lokalitajiet differenti fejn kont, jew inpaxxi, jew nistrapazza kemm lil għajnejja u lil widnejja. Hawnhekk bdejt niskopri ħafna ġeneri differenti u bdejt nitgħallem napprezza s-sbuħija ta' kull wieħed. Min qasir, min twil, min allegruż, min arroganti, min imnikket u min hieni. Wieħed iqanqlek mod u l-ieħor mod ieħor, u dejjem niskopri rkejjen ġodda fija nnifsi li jtuni pjaċiri differenti.

Wieħed ma jinsiex li jien kont nissielet mal-mistħija u l-konsegwenza ta' dan ir-riżultat f'relazzjoni ħabrieka mal-flixkun u l-qatra, li kienet taqdini biex

ninbidel fi tfajla falza li tinħabb bla ebda xkiel fil-moħbi tas-sigħat tal-lejl. Iżda allavolja gerbu s-snin minn fuqi b'ħeffa ta' leopard u qorrobt lejn tmiem żgħożiti, u skoprejt diversi għamliet ġodda, dak it-tenur senswali li kien seraqli qalbi b'tali mod li sibt ruħi priġuniera ta' dak ir-*requiem* u nħuf kemm inħuf hu biss baqa' stampat f'għajnejja u widnejja. U wara l-ħarġa fis-sigħat bekrin ta' filgħodu kont nirritalja lura għas-solitudni ta' kamarti nħarbex fid-djarju u nikkrea din ir-relazzjoni ta' fantasija fejn konna nitħaddnu u nipprokreaw mal-amur ta' billejl.

Dan l-aħħar però beda jinkwetani s-smigħ tiegħi, għaliex kienu qed jiġu mumenti frekwenti fejn kont bħal qed nisma' kollox minn taħt qiegħ ta' oċean fond. Forsi għax kont nintefa' f'postijiet b'volum għoli? Forsi għax issa kont sirt mara u għalaqt tletin sena? Iżda naħseb għadu kmieni wisq biex nibda niżżarma. Wara ħafna tgergir mingħand ommi biex nieħu ħsieb, iddeċidejt li mmur nagħmel żjara għand it-tabib u l-aħbar li tani ma kinitx waħda faċli tomgħod.

"Karen, jiddispjaċini ngħidlek iżda għandek dik li jsejħulha *permanent acoustic trauma*."

"Din xi tkun, Dott imma?"

"Hija kundizzjoni li tiġi minħabba xi splużjoni li seħħet viċin tiegħek jew tkun ilek tiġi esposta għal ħsejjes ta' volum għoli ħafna."

"U x'ħa jiġri Dott? Il-ħsara irriversibbli?"

"Le Kar, jiddispjaċini ngħidlek li hija permanenti u aktar ma jgħaddi ż-żmien ħa titlef totalment is-smigħ tiegħek."

"U ma nibqa' nisma' xejn xejn xejn aktar? Qatt?"

"Iva, Kar, li nista' ntik xi pariri kif forsi tista' ġġebbed aktar qabel dan iseħħ."

U l-kliem kollu li qalli bħal iċċajpar fil-bogħod u ma rreġistrajt xejn minnu u ħriġt imtaqqla b'niket vjola li jtappan il-qalb aktar mis-swidija tan-nugrufun.

Minn dakinhar 'l hawn, din ir-relazzjoni ta'passjoni li bnejt fil-fantasija tiegħi ħadet daqqa, mhux ta' ħarta, iżda daqqa ta' ponn tajba. Kienu jiġu ġranet fejn konna nżuru lil xulxin u nintilfu f'passjoni ta' dagħdigħa u ġranet twal fejn taqa' bruda liema bħalha u ma nfittxux lil xulxin. Iżda ż-żmien mhuwiex ħanin ma' min hu marid u t-tmiem beda riesaq b'ritmu mgħaġġel ferm aktar milli aħna t-tnejn xtaqnieh. Jum minnhom qomt bħas-soltu u indunajt li t-tektik tal-arloġġ ma kontx qed nisimgħu, lanqas it-tisfir tal-għasafar li kien iqajjimni ndannata s-Sibt u l-Ħadd.

U hawnhekk kienet l-aħħar ġurnata li din ir-relazzjoni ġiet iżżurni, għaliex is-sens ta' smigħ kien telaqli għalkollox. U jien u l-mużika nfridna darba u għal dejjem.